**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **563/2021 (AD)**

**MARY MAGĦRUFA BĦALA MARIELLA GALEA (KI 0783367M)**
**U OĦTHA**
**JOSEPHINE ANNE MAGĦRUFA BĦALA JOSIANNE SCERRI (KI 0529361M) AĦWA CINI**
**U GIUSEPPA DEL VOLTO SANTO MAGĦRUFA BĦALA JOSEPHINE CINI (KI 0554333M)**

**VS**

**ANNETTE AZZOPARDI (KI 485682M)**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, l-ewwel (1) ta' Novembru 2024**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali għal-likwidazzjoni u ħlas ta' sehem riservat spettanti lir-rikorrenti mill-wirt tad-defunt Giuseppe magħrufa bħala Joseph Cini;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors preżentat nhar l-għaxra (10) ta' Ġunju 2021, **Mary magħrufa bħala Mariella Galea et**, bil-ġurament tagħhom ippremettew:

   a. *Illi fil-ħdax (11) ta' Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) ġie nieqes Giuseppe magħruf bħala Joseph Cini, missier u żewġ l-atturi (**Dok A**);*

   b. *Illi l-atturi huma wlied u mart id-defunt Giuseppe magħruf bħala Joseph Cini (**Dok B, Dok C, Dok I u Dok J**) rispettivament;*

   c. *Illi mir-riċerki testamentarji mwettqa (**Dok D** u **Dok E**) irriżulta li d-defunt Giuseppe magħruf bħala Joseph Cini kien għamel żewġ testmenti wieħed fit-tlieta (3) ta' Ottubru, tas-sena elfejn u tlettax (2013) fl-atti tan-Nutar Angele Rapa (**Dok F**) u ieħor datat l-ewwel (1) t'Awwissu, tas-sena elfejn u erbatax (2014) ukoll fl-atti tan-Nutar Angele Rapa (**Dok G**). Huwa dan l-aħħar testment tal-1 ta' Awwissu 2014 li jirregola l-wirt tad-defunt Giuseppe magħruf bħala Joseph Cini;*

   d. *Illi fl-aħħar testment tiegħu datat l-1 ta' Awwissu 2014, fl-atti tan-Nutar Angele Rapa (**Dok G**), id-defunt Giuseppe magħruf bħala Joseph Cini kien irrevoka, annulla, u ħassar kwalunkwe testment ieħor li huwa seta' għamel qabel dan, u ried u ordna li s-suċċessjoni tal-wirt tiegħu jiġi regolat b'dan l-imsemmi testment;*

   e. *Illi skont dan l-aħħar testment tiegħu, id-defunt Giuseppe magħruf bħala Joseph Cini ħalla bħala eredi tiegħu universali, proprjetarja u padruna assoluta tal-ġid kollu tiegħu lin-neputija tiegħu, il-konvenuta Annette Azzopardi bis-sostituzzjoni volgari a favur ta' żewġha Joseph Azzopardi u dan skont ma jirriżulta mit-testment hawn anness u immarkat bħala **Dok G**;*

   f. *Illi f'dan it-testment tal-1 ta' Awwissu 2014, id-defunt Giuseppe magħruf bħala Joseph Cini ħalla b'titolu ta' legat in piena u assoluta proprjeta:*

i. *Lill-konvenuta Annette Azzopardi grandfather clock, tlett (3) kanuni, żewġ gandlieri tar-ram, Theca Relic holder, reċipjent tal-ilma mbierek u l-għodda kollha li huwa kellu fil-garaxx anness mad-dar tiegħu;*

ii. *Lil Joseph Azzopardi u f'każ ta' premorjenza tiegħu għat-testatur, bis-sostituzzjoni volgari a favur tal-konvenuta Annette Azzopardi kwalunkwe depożiti li jkollu t-testatur fid-data tal-mewt tiegħu ma' kawlunkwe bank jew istituzzjoni finanzjarja u ukoll kwalunkwe shares / stocks / bonds u assi oħra li t-testatur għandu fil-Malta Stock Exchange (MSE) kont numru tlieta zero disgħa disgħa zero sebgħa (309907) u kwalunkwe kont ieħor illi t-testatur jista' għandu jew għad jista' jkollu (**Dok G**);*

g. *Illi l-atturi ma jissemmew imkien fl-imsemmi testment tal-1 ta' Awwissu 2014 tad-defunt Giuseppe magħruf bħala Joseph Cini (**Dok G**), bil-konsegwenza li ġew leżi d-drittijiet tagħhom lilhom mogħtija skont il-liġi;*

h. *Illi l-atturi għandhom jedd fuq il-beni ta' Giuseppe sive Joseph Scerri* (sic) *riżervat lilhom mil-Liġi, ai termini tal-artikolu 615 et seq tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

i. *Illi qegħdin ukoll jiġu ppreżentati r-riċerki tad-defunt Giuseppe magħruf bħala Joseph Cini, liema riċerki qegħdin jiġu mmarkati bħala **Dok H**;*

j. *Illi kien minħabba f'hekk li l-atturi kellhom jagħmlu dawn il-proċeduri;*

k. *Illi l-attriċi taf b'dawn il-fatti personalment;*

3. Għaldaqstant, ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex:

i. *Tiddikjara fhiex kienu jikkonsistu l-assi ereditarji tad-defunt Giuseppe magħruf bħala Joseph Cini billi jiġi dikjarat li dawn kienu jikkonsistu fil-*

*beni immobbli u mobbli, fil-krediti u flus li jirriżultaw matul it-trattazzjoni tal-kawża;*

ii. *Tiddikjara li l-atturi għandhom dritt għas-sehem riżervat spettanti lilhom skont il-liġi;*

iii. *Konsegwentement tillikwida l-ammont dovut lill-atturi bħala s-sehem riżervat spettanti lilhom skont il-liġi;*

iv. *Tikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallashom l-ammont hekk likwidat;*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet mid-data tal-mewt ta' Giuseppe magħruf bħala Joseph Cini kontra l-konvenuta, li minn issa stess hija msejħa in subizzjoni.*

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar il-ħdax (11) ta' Ġunju 2021, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-smigħ għas-seduta ta' nhar it-Tlieta, sitta (6) ta' Lulju 2021, b'ordni għan-notifika tar-rikors lill-konvenuti, illi ngħataw għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika lilhom tal-istess, sabiex jirrispondu skont il-liġi;

5. B'risposta ġuramentata datata tnejn (2) ta' Lulju 2021, il-konvenuta **<u>Annette Azzopardi</u>** eċċepiet:

a. *Preliminarjament, jiġi rilevat illi r-rikorrenti kienu abbandunaw lid-defunt Joseph Cini u dana għal medda twila ta' snin; fil-fatt id-defunt kien separat de facto minn ma' martu għal aktar minn ħamsa u għoxrin (25) sena u huwa sofra diversi inġurji mingħand ir-rikorrenti li wassluh sabiex ma jsemmihomx fit-testment tiegħu tal-ewwel (1) ta' Awissu tas-sena elfejn u erbatax (2014) u għalhekk isegwi li huma ma humiex intitolati għal ebda sehem riżervat u jsegwi għalhekk li t-talbiet tagħhom kollha jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontrihom;*

b. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti kienet, nonostante dan, u nonostante li huwa stat ta' fatt li l-atturi abbandunaw lid-defunt u*

*anki infliġġew inġurji u abbandun fuq il-persuna tiegħu, hija kienet disposta li tersaq għal likwidazzjoni ta' dak dovut lilhom; Kien biss wara mewt id-defunt li huma ħadu xi tip ta' interess fid-defunt, jew aħjar fl-attiv tiegħu; u dana sabiex jirrikjamaw is-sehem riżervat dovut lilhom;*

c. *Illi l-esponenti tirrileva illi hija għamlet l-għalmu tagħha sabiex tasal għal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat dovut lill-intimati, saħansitra sabet bejgħ prospettiv tal-fond li tħalla lilha bħala eredi universali; pero l-atturi dejjem kienu intransiġenti u ma resqux lanqas għal-laqgħa; tant hu hekk li anki ċ-ċavetta tal-fond li l-intimati ma kellhomx, għadditilhom; u għalhekk hija ma għandhiex tbati ebda imgħax u spejjeż f'każ li din l-Onorabbli Qorti tagħżel li tillikwida sehem riżervat bħala dovut lir-rikorrenti jew min minnhom;*

d. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti teċċepixxi illi l-ewwelnett iridu jiġu vverifikati l-konsistenzi tal-assi ereditarji rispettivi, jiġu likwidati u jittieħdu in kunsiderazzjoni debita d-debiti tal-assi ereditarji;*

e. *Illi fir-rigward tat-talba għall-ħlas tal-porzjoni riżervata, l-esponenti tirrileva wkoll li hija rrendiet serviġi, kuri u assistenzi varji lid-defunt u kienet hi li tieħu ħsieb il-bżonnijiet kollha tiegħu; Saħansitra għal diversi snin, l-esponenti laqgħet lid-defunt f'darha. Għaldaqstant, il-kumpens dovut lilha għal dawk is-serviġi għandu jitqies bħala kreditu kontra l-assi ereditarji tiegħu u għandu jitnaqqas minn kull valutazzjoni li ssir għall-finijiet tal-likwidazzjoni tal-porzjoni riżervata;*

f. *Salvi eċċezzjonijeit ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;*

g. *Illi l-esponenti ma għandhiex tbati l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri;*

h. *Illi l-esponenti qiegħda tipprevalixxi ruħha minn din il-proċedura sabiex tintavola kontro-talba kontra r-rikorrenti;*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti, inkluż tal-ittra uffiċjali li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

6. B'talba rikonvenzjonali datata tnejn (2) ta' Lulju 2021, il-konvenuta **<u>Annette Azzopardi</u>** ppremettiet:

   a. *Illi l-esponenti Annette Azzopardi hija n-neputija tad-defunt Joseph Cini, li ġie nieqes fil-ħdax (11) ta' Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019);*

   b. *Illi matul id-dekors ta' ħajjet id-defunt Joseph Cini ir-rikorrenti flimkien ma' żewġha Joseph Azzopardi ħadu ħsieb b'diversi modi billi pprestaw diversi serviġi għal numru kbir ta' snin lid-defunt Joseph Cini kif ha jkun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża u dana stante li huwa kien abbandunat minn martu u minn uliedu għal medda twila ta' snin, u cioe 'l fuq minn ħamsa u għoxrin (25) sena;*

   c. *Illi kienet biss ir-rikorrenti flimkien ma' żewġha Joseph Azzopardi illi kienet tippresta serviġi lid-defunt matul ħajtu, speċjalment fl-aħħar żmien ta' ħajtu u huma għandhom dritt li jitolbu għal kumpens għas-serviġi minnhom reżi;*

   d. *Illi tenut li r-rikorrenti rikonvenzjonati għamlu talba għall-ħlas tal-porzjoni riservata, l-esponenti tirrileva li hija wkoll irrendiet serviġi, kuri u assistenzi varji lidd-efunt u kienet hi li tieħu ħsieb il-bżonnijiet kollha tiegħu flimkien ma' żewġha; u għaldaqstant il-kumpens dovut lilha għal dawk is-serviġi għandu jitqies bħala kreditu kontra l-assi ereditarji tiegħu u għandu jitnaqqas minn kull valutazzjoni li ssir għall-finijet tal-likwidazzjoni tal-porzjoni riżervata, b'riserva għal dawk is-serviġi dovuti lil żewġha talli presta serviġi ukoll lid-defunt;*

   e. *Illi l-intimati għalkemm interpellati diversi drabi naqsu li jersqu għal tali likwidazzjoni;*

   f. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

7. L-intimata rikonvenzjonanta għalhekk talbet lil din il-Qorti sabiex:

   i. *Tiddikjara li Annette Azzopardi rrendiet diversi serviġi lid-defunt Joseph Cini flimkien ma' żewġha Joseph Azzopardi (detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 800657M) meta dan kien għadu ħaj;*

   ii. *Tillikwida okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi s-serviġi resi Annette Azzopardi rrendiet diversi serviġi lid-defunt Joseph Cini flimkien ma' żewġha Joseph Azzopardi (detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 800657M) meta dan kien għadu ħaj* (sic)*;*

   iii. *Tiddikjara illi l-kumpens dovut lilha u lil żewġha Joseph Azzopardi għal dawk is-serviġi għandu jitqies bħala kreditu kontra l-assi ereditarji tiegħu u għandu jitnaqqas minn kull valutazzjoni li ssir għall-finijiet tal-likwidazzjoni tal-porzjoni riżervata;*

   *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;*

8. B'risposta ġuramentata għat-talba rikonvenzjonali ta' **Mary magħrufa bħala Mariella Galea et**, ir-rikorrenti rikonvenzjonati eċċepew:

   a. *Illi, preliminarjament, jingħad li fit-talbiet kontenuti fil-kontro-talba tagħha, il-konvenuta tipprova ddaħħal lil żewġha Joseph Azzopardi u titlob dikjarazzjoni li huwa irrenda serviġi magħha fil-konfront tad-defunt Joseph Cini u l-eventwali likwidazzjoni ta' dawn l-allegati serviġi. Dan ma huwiex permessibbli l-għaliex il-partijiet fil-kontro-talba iridu jkunu l-istess bħal partijiet fil-kawża prinċipali. Ir-raġel tal-konvenuta ma huwiex parti fil-kawża prinċipali u konsegwentement, it-talbiet kontenuti fil-kontro-talba safejn dawn jinsabu diretti għal otteniment ta' ġudizzju favur tiegħu ma jistgħux jirnexxu u għalhekk għandhom jiġu miċħuda;*

   b. *Illi fit-tieni lok, ukoll b'mod preliminari jingħad li l-konvenuta permezz ta' din il-kontro-talba tagħha qegħda titlob li hija tiġi dikjarata kreditriċi tad-*

*defunt Joseph Cini, jew tal-wirt tiegħu, u dan għal serviġi li hija allegatament tgħid li pprestat lilu tul ħajtu. Jirriżulta li l-konvenuta ġiet nominata eredi universali tad-defunt Joseph Cini bl-aħħar testment tiegħu, liema kwalita' hija għaddiet biex aċċettat wara li l-istess Joseph Cini ġie nieqes fil-11 ta' Ġunju 2019. Konsegwentement, gialadarba hija għaddiet biex aċċettat il-wirt tad-defunt Joseph Cini u saret l-eredi universali tiegħu, proprjetarja u padruna tal-ġid kollu tiegħu, il-konvenuta ma għadx għandha l-jedd li tagħmel din il-kontro-talba tagħha l-għaliex seħħet konfużjoni bejn il-kwalita' tagħha ta' kreditriċi tad-defunt Joseph Cini, jew tal-wirt tiegħu u l-kwalita' ta' l-istess Joseph Cini, jew tal-wirt tiegħu bħala debitur lejha tal-allegati serviġi. Konsegwentement, it-talbiet tagħha kontenuti fil-kontro-talba ma jistgħux jintlaqgħu;*

c. *Illi fit-tielet lok u b'mod preliminari jingħad ukoll li l-atturi ma humiex il-leġittimi kontradittur għal din il-kontro-talba l-għaliex huma ma humiex l-eredi tad-defunt Joseph Cini u għalhekk it-talbiet kontenuti fil-kontro-talba għandhom jiġu miċħuda;*

d. *Illi l-fatti elenkati mill-konvenuta fl-ewwel paragrafu tal-premessi tagħha ma humiex ikkontestati;*

e. *Il-kumplament tal-premessi huma ikkontestati;*

f. *F'kull każ, u dan mingħajr preġudizzju għal premess, speċjalment għar-risposti preliminari, jingħad li l-konvenuta, bil-fatt li ġiet nominata bħala eredi universali tad-defunt Joseph Cini, tħallset għas-servizzi minnha allegatament reżi lid-defunt Joseph Cini tul ħajtu. Di piu, il-konvenuta għandha tressaq l-aħjar prova skont il-liġi sabiex turi li effettivament ipprestat tali serviġi, u l-konsistenza u n-natura tagħhom;*

g. *Salv risposti ulterjuri;*

h. *Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni.*

**Il-Qorti**

9. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti datat għaxra (10) ta' Ġunju 2021 u d-dokumenti annessi miegħu;

10. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta datata tnejn (2) ta' Lulju 2021;

11. Reġgħet rat it-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta rikonvenzjonanta datata tnejn (2) ta' Lulju 2021;

12. Reġgħet rat ir-risposta għat-talba rikonvenzjonali tar-rikorrenti rikonvenzjonati datata wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju 2021;

13. Rat id-dokumenti esebiti mir-rikorrenti permezz ta' nota datata tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru 2021, immarkati **Dok K** (a fol 104 *et seq* tal-proċess), **Dok L** (a fol 111 *et seq* tal-proċess) u **Dok M** (a fol 113 *et seq* tal-proċess);

14. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Brian Farrugia**, in rappreżentanza ta' **Transport Malta**, prodott mir-rikorrenti waqt is-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru 2021[1], u rat d-dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok BF1** a fol 157 *et seq* tal-proċess, u **Dok BF2** a fol 161 *et seq* tal-proċess;

15. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Joanna Bartolo** in rappreżentanza tal-**Bank of Valletta plc**, prodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru 2021[2], u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok JB1** (a fol 168 *et seq* tal-proċess) u **Dok JB2** (a fol 172 *et seq* tal-proċess);

[11] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 154 *et seq* tal-proċess
[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 164 *et seq* tal-proċess

16. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Rosanne Abela Wadge** in rappreżentanza tal-**BNF Bank**, prodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru 2021[3];

17. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Lorraine Attard** in rappreżentanza ta' **HSBC Bank Malta plc**, prodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru 2021[4], u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok LA1** a fol 193 *et seq* tal-proċess, **Dok LA2** a fol 199 *et seq* tal-proċess, u **Dok LA3** a fol 205 *et seq* tal-proċess;

18. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Patrizia Salerno** in rappreżentanza tal-**APS Bank**, prodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru 2021[5];

19. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Michael Savona** fil-kwalita' tiegħu ta' **Assistent Reġistratur tal-Bastimenti Merkantili Transport Malta**, prodott mir-rikorrenti waqt is-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru 2021[6];

20. Rat illi, waqt is-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru 2021, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qed jaqblu illi l-proprjeta' immobbli kellha valur kumplessiv ta' sebgħa u għoxrin elf Ewro (€720,000)[7];

21. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament ta' **Joanna Bartolo** in rappreżentanza tal-**Bank of Valletta plc**, riprodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) t'Ottubru 2021[8];

22. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Matthias Cardona**, in rappreżentanza tas-soċjeta' **BOV Asset Management Limited**, prodott mir-rikorrenti waqt

[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 188-189 tal-proċess
[4] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 190 *et seq* tal-proċess
[5] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 212 *et seq* tal-proċess
[6] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 214 *et seq* tal-proċess
[7] Vide verbal a fol 109 tal-proċess
[8] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 218 tal-proċess

is-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) t'Ottubru 2021[9], u rat id-dokument minnu esebit u mmarkat **Dok MC1** a fol 222 tal-proċess;

23. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Miriam Azzopardi** in rappreżentanza tal-**Malta Stock Exchange plc**, prodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) t'Ottubru 2021[10], u rat id-dokument minnha esebitu mmarkat **Dok MA1** a fol 226-227 tal-proċess;

24. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament ta' **Lorraine Attard** in rappreżentanza ta' **HSBC Bank Malta plc**, riprodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) t'Ottubru 2021[11] u dat id-dokument minnha esebit u mmarkat **Dok LA4** a fol 231 *et seq* tal-proċess;

25. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-**PL Gerald Bonello** in rappreżentanza tal-**MeDirect Bank**, prodott mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) t'Ottubru 2021[12], u rat id-dokument minnu esebit u mmarkat **Dok GB1** a fol 236 tal-proċess;

26. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Annette Azzopardi**, prodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) t'Ottubru 2021[13];

27. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Jeannette Lepre**, in rappreżentanza ta' **Lombard Bank plc**, prodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tat-tletin (30) ta' Novembru 2021[14];

28. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament ta' **Lorraine Attard** in rappreżentanza ta' **HSBC Bank Malta plc**, riprodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tat-tletin (30) ta' Novembru 2021[15];

29. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament ta' **Miriam Azzopardi** in rappreżentanza tal-**Malta Stock Exchange plc**, riprodotta mir-rikorrenti

[9] It-trasrkizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 220 *et seq* tal-proċess
[10] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 223 *et seq* tal-proċess
[11] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 228 *et seq* tal-proċess
[12] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 234-235 tal-proċess
[13] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 237 *et seq* tal-proċess
[14] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 241-242 tal-proċess
[15] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 243 *et seq* tal-proċess

waqt is-seduta tal-għaxra (10) ta' Marzu 2022[16], u rat id-dokument minnha esebit u mmarkat **Dok MA2** a fol 252 *et seq* tal-proċess;

30. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Saviour Theuma**, in rappreżentanza tad-**Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali**, prodott mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-erbatax (14) ta' Lulju 2022[17], u rat id-dokument minnu esebit u mmarkat **Dok ST1** a fol 273 *et seq* tal-proċess;

31. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament ta' **Miriam Azzopardi** in rappreżentanza tal-**Malta Stock Exchange plc**, riprodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-erbatax (14) ta' Lulju 2022[18];

32. Rat l-affidavit tar-rikorrenti **Mary sive Mariella Galea**, immarkat **Dok MJ1** a fol 282-283 tal-proċess;

33. Rat l-affidavit tar-rikorrenti **Josephine Anne sive Josianne Scerri**, immarkat **Dok MJ2** a fol 284 tal-proċess;

34. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament ta' **Annette Azzopardi**, riprodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tad-disgħa (9) ta' Diċembru 2022[19], u rat id-dokument minnha esebit u mmarkat **Dok AA1** a fol 303 *et seq* tal-proċess;

35. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament ta' **Lorraine Attard** in rappreżentanza tal-**HSBC Bank Malta plc**, riprodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-wieħed u tletin (31) ta' Jannar 2023[20], u rat id-dokument minnha esebit u mmarkat **Dok LA1** a fol 312 *et seq* tal-proċess;

36. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Charmaine Psaila Raji** in rappreżentanza tal-**APS Bank plc**, prodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-wieħed u tletin (31) ta' Jannar 2023[21];

---

[16] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 249 *et seq* tal-proċess
[17] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 270 *et seq* tal-proċess
[18] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 279 *et seq* tal-proċess
[19] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 297 *et seq* tal-proċess
[20] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 310 *et seq* tal-proċess
[21] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 314 *et seq* tal-proċess

37. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Rowena Azzopardi** in rappreżentanza ta' **BNF Bank**, prodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-wieħed u tletin (31) ta' Jannar 2023[22];

38. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Vanessa Bonello** in rappreżentanza ta' **Lombard Bank Malta plc**, prodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-wieħed u tletin (31) ta' Jannar 2023[23];

39. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament tal-**PL Gerald Bonello** in rappreżentanza ta' **MeDirect Bank**, riprodott mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-wieħed u tletin (31) ta' Jannar 2023[24], u rat id-dokument minnu esebit u mmarkat **Dok GB1** a fol 322 tal-proċess;

40. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament ta' **Johanna Bartolo** in rappreżentanza tal-**Bank of Valletta plc**, riprodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-wieħed u tletin (31) ta' Jannar 2023[25], u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok JB3** a fol 330 *et seq* tal-proċess, **Dok JB4** a fol 334 *et seq* tal-proċess, **Dok JB5** a fol 344 *et seq* tal-proċess, **Dok JB6** a fol 348 *et seq* tal-proċess, **Dok JB7** a fol 356 *et seq* tal-proċess, **Dok JB8** a fol 360 tal-proċess, **Dok JB9** a fol 361 *et seq* tal-proċess, u **Dok JB10** a fol 365 tal-proċess;

41. Rat id-digriet tagħha stess datat id-disgħa (9) ta' Marzu 2023, illi permezz tiegħu laqgħet it-talba tar-rikorrenti għall-ħatra ta' Perit Tekniku sabiex jirrelata dwar il-valur reali tal-proprjeta' numru 17, 19 u 21 fi Triq il-Bumunqar fl-akwati magħrufa ta' St Peter limiti ta' Ħaż-Żabar bil-garaxx anness u parti integrali mill-istess fond, u dwar il-valur ta' mobbli msemmija fit-testment tal-ewwel (1) t'Awwissu 2014 imħollija b'legat lil Joseph Azzopardi, u dan kemm fil-ġurnata preżenti kif ukoll fid-data tal-mewt ta' Giuseppe Cini fil-ħdax (11) ta' Ġunju 2019. Għal dan il-għan, il-Qorti ħatret lill-Perit David Pace, a spejjeż provviżorjament tar-rikorrenti;

[22] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 316 *et seq* tal-proċess
[23] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 318 *et seq* tal-proċess
[24] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 320 *et seq* tal-proċess
[25] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 323 *et seq* tal-proċess

42. Rat in-nota tar-rikorrenti ppreżentata *seduta stante* nhar id-disgħa (9) ta' Marzu 2023, a fol 369 *et seq* tal-proċess;

43. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament ta' **Annette Azzopardi** riprodotta mir-rikorrenti waqt is-seduta tad-disgħa (9) ta' Marzu 2023[26];

44. Rat illi, waqt is-seduta tat-tlettax (13) t'April 2023, wara li l-Perit Tekniku David Pace informa lill-Qorti li huwa m'għandux l-*expertise* li jagħti valur tal-mobbli msemmija fit-testment datat l-ewwel (1) t'Awwissu 2014 imħollija b'legat lil Joseph Azzopardi, ir-rikorrenti rrinunzjaw għat-talba tal-istima tal-valur tal-mobbli, u żammew fermi l-bqija tat-talba tagħhom kif magħmula waqt is-seduta tad-disgħa (9) ta' Marzu 2023;

45. Rat l-affidavit ta' **Alexandra Chetcuti** u d-dokumenti annessi miegħu, a fol 385 *et seq* tal-proċess;

46. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Aussama Benwur**, prodott mill-konvenuta waqt is-seduta tat-tlettax (13) t'April 2023[27];

47. Rat in-nota tal-konvenuta datata dsatax (19) t'April 2023, illi permezz tagħha esebit id-dokumenti illi juru s-serviġi li hi allegatament irrendiet lid-dfeunt Joseph Cini (a fol 425 *et seq* tal-proċess);

48. Rat ir-Rapport tal-**Perit Tekniku David Pace** preżentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar it-tmintax (18) t'April 2023, u debitament maħluf *seduta stante* nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju 2023 (a fol 574 *et seq* tal-proċess);

49. Rat l-affidavit ta' **Annette Azzopardi** immarkat **Dok A** a fol 582 *et seq* tal-proċess;

50. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Joseph Azzopardi**, prodott mill-konvenuta waqt is-seduta tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju 2023[28];

---

[26] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 377 *et seq* tal-proċess
[27] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 414 *et seq* tal-proċess
[28] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 589 *et seq* tal-proċess

51. Rat il-kopja tal-ittra uffiċjali esebita mill-konvenuta bħala **Dok A** a fol 599 tal-proċess;

52. Rat ir-relazzjoni ulterjuri tal-**Perit Tekniku David Pace** preżentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju 2023, u debitament maħluf fir-Reġistru tal-istess Qorti nhar il-ħamsa u għoxrin (25) t'Ottubru 2023;

53. Rat l-affidavit ta' **Joseph Azzopardi** a fol 609 *et seq* tal-proċess;

54. Rat in-nota tal-konvenuta illi permezz tagħha ppreżentat prospett ta' likwidazzjoni danni ai fini ta' serviġi (a fol 613 *et seq* tal-proċess);

55. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tan-**Nutar Angele Rapa**, prodotta mill-konvenuta in kontro-eżami waqt is-seduta tat-tlettax (13) t'Ottubru 2023[29];

56. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Josephine Cini**, prodotta mill-konvenuta in subizzjoni waqt is-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru 2023[30];

57. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Mary sive Mariella Galea**, prodotta mill-konvenuta in kontro-eżami waqt is-seduta tal-ewwel (1) ta' Frar 2024[31];

58. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Josianne Scerri**, prodotta mill-konvenuta in kontro-eżami waqt is-seduta tal-ewwel (1) ta' Frar 2024[32];

59. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Annette Azzopardi**, prodotta mir-rikorrenti in kontro-eżami waqt is-seduta tat-tmienja (8) ta' Marzu 2024[33];

---

[29] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 661 *et seq* tal-proċess
[30] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 670 *et seq* tal-proċess
[31] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 683 *et seq* tal-proċess
[32] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 693 *et seq* tal-proċess
[33] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 703 *et seq* tal-proċess

60. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament ta' **Annette Azzopardi**, riprodotta mir-rikorrenti in kontro-eżami waqt is-seduta tal-ħamsa u għoxrin (25) t'April 2024[34];

61. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament ta' **Annette Azzopardi**, riprodotta mir-rikorrenti in kontro-eżami waqt is-seduta tal-erbgħa (4) ta' Ġunju 2024[35];

62. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Joseph Azzopardi**, prodott mir-rikorrenti in kontro-eżami waqt is-seduta tal-erbgħa (4) ta' Ġunju 2024[36];

63. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata wieħed u tletin (31) ta' Lulju 2024, a fol 737 *et seq* tal-proċess;

64. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti datata tletin (30) ta' Settembru 2024, a fol 778 *et seq* tal-proċess;

65. Rat il-kuntratt pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Josef C Masini Vento nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar 2024, illi permezz tiegħu ġiet mibjugħa l-unika proprjeta' immobbli, ossia l-fond bin-numri 17, 19 u 21 fi Triq il-Bumunqar, Ħaż-Żabbar, illi minnha kellu sehem id-defunt Giuseppe Cini, esebit mill-konvenuta permezz ta' nota datata għaxra (10) t'Ottubru 2024 (a fol 791 *et seq* tal-proċess);

66. Rat illi l-partijiet qablu illi l-kawża tibqa' differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

67. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

**<u>Dritt o Meno tar-Rikorrenti għas-Sehem Riservat</u>**

[34] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 709 *et seq* tal-proċess
[35] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 725 *et seq* tal-proċess
[36] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 733 *et seq* tal-proċess

68. Bil-kawża odjerna, ir-rikorrenti qegħdin jippretendu l-likwidazzjoni u ħlas tas-sehem riservat spettanti lilhom mill-wirt ta' żewġhom (fil-każ ta' Josephine Cini) u missierhom (fil-każ ta' Mariella Galea u Josianne Scerri) Giuseppe Cini, illi ġie nieqes nhar il-ħdax (11) ta' Ġunju 2019;

69. Fl-ewwel lok għandu jiġi rilevat illi, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, il-konvenuta tiddikjara illi, ***"Is-sehem riżervat favur uliedu ta' 1/3 – mhuwiex kontestat."***[37] Tiddikjara wkoll l-istess konvenuta illi hija qiegħda tikkontesta biss is-sehem riservat favur martu, u dan stante illi *"din abbandunatu għal għexieren ta' snin u irxuxtat biss f'mewtu biex tieħu sehma* (sic) *u saħansitra tippretendi l-leġittima"*[38];

70. Is-sehem riżervat u d-diżeredazzjoni huma regolati bl-Artikoli 615 *et seq* tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

71. L-Artikolu 622 jistabbilixxi illi:

> *622.Barra mir-raġunijiet li għalihom wieħed jista' jsir mhux denn li jiret, il-persuni li skont il-liġi għandhom il-jedd għas-sehem riżervat jistgħu jiġu mċaħħda minnu b'dikjarazzjoni magħmula għal daqshekk mit-testatur, għal xi raġuni msemmija f'dan il-Kodiċi, u li tkun imfissra fit-testment.*

L-Artikolu 623 imbagħad jitkellem dwar ir-raġunijiet illi għalihom dixxendent jista' jiġi diżeredat, iżda gialadarba dak illi qed jiġi kontestat huwa s-sehem riservat pretiż minn mart id-*decujus*, dan l-artikolu ma jsibx relevanza f'dan il-kuntest;

72. Inoltre, l-Artikolu 625 tal-Kap 16 jgħid illi:

[37] A fol 779 tal-proċess
[38] A fol 787 tal-proċess

*625.(1) Ir-raġuni tad-diżeredazzjoni għandha tiġi ppruvata minn dak li jsostni d-diżeredazzjoni.*

*(2) Jekk tkun issemmiet iżjed minn raġuni waħda, il-prova ta' waħda hija biżżejjed.*

filwaqt illi l-Artikolu 629 jistabbilixxi illi:

*629. Meta fit-testment ma tkunx imsemmija r-raġuni li għaliha wieħed ikun ġie diżeredat, jew ma tiġix ippruvata, id-diżeredat għandu jedd għas-sehem riżervat biss.*

73. Hekk kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet ***Norbert Degabriele et vs Carmelo Degabriele et***[39]:

*23. Il-gurisprudenza tal-qrati taghna tissenjala li d-dizeredazzjoni hi cirkostanza eccezzjonali fejn it-testatur jista' jhalli barra mill-wirt tieghu lil min bil-ligi ghandu dritt li jiehu minn dak il-wirt. Jinghad li hi cirkostanza eccezzjonali ghaliex fis-sistema guridika taghna t-testatur mhux moghti l-liberta` kollha biex jiddisponi minn gidu wara mewtu kif jixtieq hu u dejjem jibqa' d-dritt mhux mittiefes tal-legittima. Fis-sentenza taghha tat-8 ta' Frar 2006 fl-ismijiet* ***Dorothy Grech mart Emanuel v. Deborah Fenech De Fremaux****, il-Qorti gharfet dan u spjegat sew ir-raguni u l-effetti tal-istitut ta' dizeredazzjoni li sahansitra hu meqjus bhala odjuz:*

*"Illi d-dizeredazzjoni hija meqjusa bhala circkostanza eccezzjonali li fiha t-testatur ikun jista' jhalli barra mill-wirt tieghu lil min, mod iehor, huwa bil-ligi mholli dak il-jedd. Fi kliem iehor, f'sistema guridiku bhala huwa dak Malti*

[39] Rik Nru 1225/2007, Qorti tal-Appell (Superjuri), 31 ta' Mejju 2019

*fejn it-testatur m'huwiex moghti liberta' shih dwar kif jiddisponi minn gidu ghal wara mewtu, id-dizeredazzjoni bija "rimedju" li jinghata lit-testatur dwar persuna li – kieku mhux ghal raguni serja u gravi mahsuba fil-ligi [f.n. 3 Raguni serja u gravi bizzejjed li tista' ccahhad il-jedd tal-manteniment skont l-artikolu 32 tal-Kap. 16] – kien ikollha jedd ghal-legittima. Hija circostanza li tmur kontra r-regola, u ghalhekk hija mharsa b'normi specjali bil-ghan li persuna ma titnehhiex kapriccjozament mill-jedd li tiehu s-sehem minimu li jmissha skont il-ligi. Fuq kollox, id-dizeredazzjoni hija ghamla ta' kastig li t-testatur jista' jimponi minhabba xi ghamil jew omissjoni li ghaliha jkun jahti l-werriet. B'differenza mic-cirkostanzi fejn persuna ma jkunx jisthoqqilha tiret lit-testatur [fn 4 Ara l-art. 605(1) tal-Kap. 16], id-dizeredazzjoni hija sanzjoni li huwa t-testatur innifsu li jaghzel li jimponiha, u hija meqjusa bhala istitut odjuz li jmissu jitnehha [Caruana Galizia Notes on Civil Law – Law on Succession, pagg. 1003-4]. Kemm hu hekk, fil-bidliet li saru dan l-ahhar fil-ligi tas-Successjoni, id-dizeredazzjoni tal-axxendenti tnehhiet [L-artikolu 624 tal-Kodici Civili thassar bl-art. 65 tal-Att XVIII tal-2004], izda l-legislatur ma deherlux li huwa l-waqt li titnehha wkoll dik tad-dixxendenti;".*

*24. Minhabba l-fatt li d-dizeredazzjoni hi cirkostanza eccezzjonali, irid ikun hemm ragunijiet serji fejn id-dritt ghall-porzjon rizervat sahansitra jigi michud. Ghalhekk il-ligi stess telenka b'mod tassattiv dawk ir-ragunijiet li ghalihom it-testatur jista' jcahhad is-sehem rizervat lil min jispetta. Dan jinghad b'riferenza ghall-Artikoli 623 u 630 fejn fil-kaz odjern ma jidhirx li huma applikabbli d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 630 izda dawk tal-Artikolu 623. Izda skont l-istess Artikolu 622 it-testatur ghandu jispjega r-raguni tieghu ghalfejn ghazel id-*

*dizeredazzjoni, liema raguni ma tistax tkun ghajr wahda minn dawk li tipprovdi ghalihom il-ligi. Jekk it-testatur jonqos milli jaghmel dan jew ir-raguni ghaliha ma tigix pruvata kif jirrikjedi is-subartikolu 625(1), imbaghad id-dizeredat ikollu biss il-jedd li jircievi s-sehem rizervat, u dan skont kif jipprovdi l-Artikolu 629.*

74. Jibda biex jingħad illi t-testment tal-ewwel (1) t'Awwissu 2014 illi bih ġie regolat il-wirt tad-defunt Giuseppe Cini[40], ma jinkludi l-ebda dikjarazzjoni magħmula mit-testatur ai termini tal-Artikolu 622 tal-Kap 16, b'dana għalhekk illi t-testatur ma eskludiex espressament fit-testment tiegħu illi Josephine Cini tieħu s-sehem riservat dovut lilha mill-eredita' tiegħu skont il-liġi. Għaldaqstant, din il-Qorti sejra ddur sabiex tara jekk ġiex sodisfaċentement pruvat mill-konvenuta, *qua* l-parti illi qed issostni d-diżeredazzjoni, illi tissussisti raġuni valida illi għaliha Josephine Cini m'għandhiex jedd għas-sehem riżervat;

75. In-**Nutar Angele Rapa**, fit-testimonjanza tagħha, tikkonferma illi meta Giuseppe Cini mar biex jagħmel l-aħħar testment tiegħu, *"staqsejtu, kif għedt, għalfejn mhux ħa tħalli l-mara u hekk, u qalli għax aħna ma ngħixux flimkien u tfal ma iġibulix rispett, ma jkellmunix, pero dettal ma nafx eżatt x'kienet ir-raġuni għalfejn"*[41] Fl-ebda punt fix-xhieda tagħha ma tgħid illi Giuseppe Cini eskluda wkoll illi martu jkollha dritt għas-sehem riżervat spettanti lilha mil-liġi;

76. Il-konvenuta, fix-xhieda tagħha stess, tikkonferma dak illi jsostnu r-rikorrenti, u cioe illi kien id-decujus illi keċċa lir-rikorrenti minn darhom. Infatti, in kontro-eżami tgħid, *"Iz-ziju keċċa lil martu u lil uliedu mid-dar"*[42]; madanakollu, il-konvenuta tikkwalifika din id-dikjarazzjoni billi tgħid, *"kien ilu għaddej żmien minn abbuż verbali, ħafna ħafna snin kien ilu għaddej. [...] Hu, li keċċihom hu, kien hemm il-ġlied bejniethom biex keċċihom hu,*

[40] **Dok G** anness mar-rikors promotur, a fol 20 *et seq* tal-proċess
[41] A fol 666 tal-proċess
[42] A fol 703a tal-proċess

*Sinjura. Kien hemm ġlied bejniethom u kienu ilhom snin. [...] Kienet takkużah li qed jibdilha. Qatt ma ġabu l-ebda provi dawn li hu kien qed jibdilha.”*[43] It-teżi tal-konvenuta, għalhekk, kien illi d-decujus kien ġie provokat minn allegazzjonijiet da parti ta' martu u wliedu illi huwa kellu relazzjoni extra-maritali. Jiġi senjalat illi l-konvenuta tikkonferma wkoll illi dak illi taf, hi ma tafux għax għexitu hi personalment, iżda għaliex kien jgħidulha d-decujus stess; madanakollu, hi ssostni illi ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn tiddubita l-verżjoni tiegħu, stante illi, *“Tliet snin sħaħ, la qatt ġew, la kont avviċinata minn xi nisa, la qatt kellu telefonati, meta kien imur id-day centre la qatt kelli complaints li dan ir-raġel miskin qed jittanta lil xi ħadd. [...] La meta kien Villa Robinich u lanqas meta kien il-home. Jien complaints fuq dawn l-affarijiet, fuq iz-ziju qatt ma kelli.”*[44] Għaldaqstant, il-konvenuta ssostni illi zijuha ġie abbandunat minn martu (u, konsegwentement, uliedu) intortament, u huwa għalhekk illi m'għandhiex dritt għas-sehem riżervat spettanti lilha;

77. Mill-banda l-oħra, filwaqt illi l-verżjoni tar-rikorrenti tikkorrabora l-verżjoni tal-konvenuta in kwantu ġie allegat illi l-kwestjonijiet bejn il-konjuġi Ċini kienet tirrigwarda allegazzjonijiet da parte ta' Josephine Cini illi Giuseppe Cini kellu relazzjonijiet extra-maritali, Josephine Cini tixhed ukoll illi Giuseppe Cini, *“Keċċieni b'idejh ma' wiċċi, jidgħi u jaħlef li joqtolni, u mexjin lejn il-bieb ta' barra, jiena quddiemu u hu quddiemi naturalment, jiena miexja lura, infittex f'idejja meta wasalt fejn il-bieb, ħa niftħu, ħeq, bdejt nibża' minnu hux jheddidni li joqtolni.”*[45] Mistoqsija jekk din kinitx l-ewwel darba illi ġiet trattata ħażin minn żewġha, Josephine Cini twieġeb, *“Le mhux l-ewwel darba.”*[46] Mistoqsija wkoll jekk ħaditx ħsieb żewġha tul ħajtu, Cini tgħid, *“Ħeq ma ħadtx ħsiebu x'jiġifieri? Hu ma ħax ħsiebi għax tefagħni barra mid-dar. [...] Ħeq nidħol ġod-dar ried joqtolni? Dejjem irid joqtolni. U hu keċċieni mhux jiena tlaqt.”*[47]

[43] Ibid
[44] A fol 711 tal-proċess
[45] A fol 676 tal-proċess
[46] A fol 681 tal-proċess
[47] A fol 680 tal-proċess

78. Din il-Qorti rat illi kienet x'kienet ir-raġuni illi għaliha kienu nħolqu l-argumenti bejn il-konjuġi Cini, liema argumenti eventwalment wasslu sabiex isseparaw *de facto*, jidher illi l-fatt illi kien id-decujus illi keċċa lil Josephine Cini mid-dar mhux qed jiġi kontestat. Dwar jekk kienx hemm raġuni valida għal dan l-iżvolġiment bejniethom jew le, la nġabet quddiem din il-Qorti prova, u lanqas kien hemm għalfejn tinġab, stante illi din mhix Qorti illi qed tindaga jekk hemmx lok għal separazzjoni personali jew le. Din il-Qorti tirrileva illi gialadarba ġie stabbilit illi kien id-decujus illi keċċa lil martu mid-dar, effettivament ma kinitx martu illi allontanat ruħha mid-dar konjugali, b'dana għalhekk illi ma jirriżultax stat ta' abbandun. Fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Antonio Xuereb vs Maria Xuereb***[48] ġie ritenut illi sabiex jitqies illi kien hemm abbandun tad-dar konjugali, *"Mhux biżżejjed li jkun hemm allontanament materjali mid-dar konjugali imma jeħtieġ illi dak l-allontanament ikun mingħajr ġusta kawża, u illi jipprolunga ruħu mingħajr ġusta kawża għal sentejn jew iżjed."* Dan l-insenjament ġie applikat għal ċirkostanzi simili għal dawk odjerni fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet ***Susan Vella vs Rachel Vella pro et noe et***[49]. Issa fil-każ odjern, mhux talli jirriżulta illi l-allontanament materjali ta' Josephine Cini ma kienx deċiżjoni tagħha, iżda talli din il-Qorti tqis illi l-fatt innifsu illi kienet ġiet imkeċċija minn żewġha jikkostitwixxi kawża ġusta illi għaliha ma rritornatx lura d-dar;

79. Il-premess għandu jiġi kkonsidrat ukoll, fil-fehma tal-Qorti, fl-ambitu tal-fatt illi ma kien hemm l-ebda disposizzjoni testamentarja illi kienet tidderoga mid-disposizzjonijiet fil-liġi dwar is-sehem riżervat;

80. Din il-Qorti għalhekk tqis illi **m'hemm l-ebda raġuni valida illi tista' twassal sabiex mart id-decujus Josephine Cini ma tiħux ukoll is-sehem riżervat spettanti lilha mill-wirt ta' żewġha skont il-liġi**.

**<u>Likwidazzjoni tas-Sehem Riservat illi huma entitolati għalih ir-Rikorrenti</u>**

[48] Qorti tal-Appell (Superjuri), 14 ta' Diċembru 1953 (Vol 37B.I.i p 411)
[49] Rik Ġur 1031/2013, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ L Schembri Orland, 12 ta' Lulju 2018 (in ġudikat)

81. Fit-termini tal-Artikolu 616(1) tal-Kap 16, huwa paċifiku illi, fil-każ tal-aħwa, is-sehem riżervat huwa ta' terz (1/3) tal-valur tal-beni tad-decujus, illi jinqasam bejn żewġ (2) aħwa, b'dana illi r-rikorrenti **Mariella Galea u Josianna Scerri huma entitolati għal sest (1/6)** tal-valur tal-beni tad-decujus kull wieħed. Mill-banda l-oħra, ai termini tal-Artikolu 631 tal-Kap 16, ir-rikorrenti **Josephine Cini għandha dritt għal kwart (1/4)** tal-valur tal-beni fi proprjeta' sħiħa;

82. Dwar il-valur u likwidazzjoni tas-sehem riservat, ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Christopher Brincat et vs Emanuela Caruana***[50]:

> *Illi l-liġi tqis is-sehem riżervat bħala jedd, fis-sura ta' kreditu tal-valur tas-sehem, fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-liġi favur l-ulied tal-mejjet. Il-werriet li lilu jmiss tali sehem irid jitolbu mingħand min ikun inħatar (jew aċċetta li jkun) werriet, u għandu l-jedd jistenna li l-ġid li minnu jingħata s-sehem riżervat tiegħu ikun għadu fl-istat kif kien jinsab fil-waqt tal-mewt tad-decuius* [App Ċiv 10.6.1949 fil-kawża fl-ismijiet *Farrugia noe vs Mintoff noe et* (Kollez Vol XXXIII.i.472)] *. Minħabba l-bidliet li ddaħħlu fil-liġi, ma għadux meħtieġ li tali sehem jingħata lill-benefiċjarju b'ġid tal-wirt in natura, jiġifieri li jkun magħmul minn fost il-ħwejjeġ mill-ġid tal-mejjet li jew jkunu għadhom jagħmlu parti mill-assi tiegħu mal-mewt, jew ikunu ddaħħlu lura fil-wirt jekk il-mejjet ikun matul ħajtu iddispona b'liberalita' minn iżjed minn dak li tagħtih il-liġi. Is-sehem riżervat jinħadem fuq il-wirt kollu* [Caruana Galizia, *Notes on Civil Law – Law on Succession,* pag 1021] *(magħdud dak li t-testatur ikun ta b'xejn matul ħajtu wkoll bi ħsieb ta' ż-żwieġ* [Art 620(3) tal-Kap 16]*), wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjeż tal-*

[50] Rik nru 181/09, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J R Micallef, 27 t'April 2017 (in ġudikat)

*funeral* [Art 620(2) tal-Kap 16] *u dak il-ġid kollazzjonabbli li l-leġittimarju ikun ħa mingħand it-testatur* [Art 620(4) tal-Kap 16]*, u tingħata fi proprjeta' sħiħa meħlusa minn kull piż jew kondizzjoni* [Art 620 (1) tal-Kap 16]*;*

*Illi dan is-sehem irid jinqasam daqsinsew bejn dawk kollha li jmisshom minnu* [Art 616(2) tal-Kap 16]*. Dan ifisser li l-ulied kollha, inkluż dawk li tħallew barra jew inqatgħu mill-wirt, iridu jitqiesu biex wieħed jara kemm kien l-għadd ta' wlied li fuqu jinħadem is-sehem riżervat* [Art 618(1) tal-Kap 16]*. Ifisser ukoll li sehem l-atturi jrid ikun ta' parti minn disa (1/9) tal-ġid li jirriżulta li missierhom kellu dak inhar li miet;*

*Illi minbarra dan, qabel ma daħal fis-seħħ l-Att XV tal-2012, ma kienx hemm il-proviso għas-subartikolu (2) li hemm illum (li jagħti lill-Qorti diskrezzjoni dwar kemm għandha tkun ir-rata xierqa ta' mgħax li tinġema' mas-sehem riżervat likwidat jew jekk għandux jinġema' mgħax), u għaldaqstant id-dritt għall-imgħaxijiet bir-rata tat-tmienja fil-mija (8%)* [Art 1139 tal-Kap 16] *għandhom jiżdiedu mal-kreditu tal-valur tas-sehem riżervat mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni, jekk tali sehem jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jgħaddu s-sentejn. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, mhux applikabbli d-diskrezzjoni tal-Qorti li tnaqqas jew 'taħfer' l-imgħax miġmugħ fuq is-sehem li jmisshom minnu l-atturi. Għalhekk, is-sottomissjonijiet tal-imħarrka f'dan ir-rigward;*

*Illi fi kwestjoni li tolqot il-likwidazzjoni tas-sehem riżervat huwa ġudizzjarjament stabilit li l-kriterju tal-valutazzjoni tal-ġid kellu jkun dak ta' kemm kien jiswa tali ġid fiż-*

*żmien li ssir il-likwidazzjoni* [P.A. JZM 29.2.2016 fil-kawża fl-ismijiet *Raffaele Vella vs Saalvino Vella et* (mhux appellata)]. *Dan jgħodd kemm jekk is-sehem riżervat jingħata f'ġid mill-wirt u kif ukoll jekk jitħallas fi flus għaliex, "jekk il-leġittima ma ġietx sodisfatta u, trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruħha, fil-każijiet fejn dan hu konsentit mil-liġi, fi dritt ta' kreditu fi flus, id-dritt tal-leġittimarju għandu bħala oġġett "un bene reale" u l-"aestimatio rei" għandha tkun riferita għaż-żmien tal-konverżjoni, cioe` ż-żmien l-iktar qrib possibbli għall-pronunzja ġudizzjali u tenut kont għalhekk ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja"* [App Ċiv 10.12.1973 fil-kawża fl-ismijiet *Concetta Vella et vs Giuseppe Bugeja et* (mhux pubblikata)]*;*

*Illi tali fehma tibqa' sseħħ ukoll jekk kemm-il darba l-jedd tas-sehem riżervat ma jkunx ġie soddisfatt bla ħtija tal-parti li għandha jedd għalih u jkun inbidel fi dritt ta' kreditu li jitħallas fi flus bħala "aestimatio rei"* [App Ċiv 14.12.1973 fil-kawża fl-ismijiet *Emilia Mifsud et vs Eleonora Mizzi noe et* (mhux pubblikata)]. *F'dak il-każ, il-valur għandu jkun iqarreb il-valur tal-ġid fiż-żmien tal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat* [App Ċiv 28.1.2005 fil-kawża fl-ismijiet *Mary Anne Zammit et vs Antonia Ellul et*]. *Dawn il-kriterji kollha jfissru li, fl-eżerċizzju tal-likwidazzjoni tal-assi ereditarju għall-finijiet li jiġi stabilit is-sehem riżervat, wieħed ma jistax iqis il-potenzjal jew il-possibilitajiet ta' dak il-ġid fil-ġejjieni (ikun kemm ikun probabbli li jiżdied il-valur tiegħu). Bl-istess mod lanqas ma jista' jitqies l-iżvalutar illi xi investiment seta' ġarrab minn wara l-mewt tat-testatur. Dan joħroġ ukoll mill-fatt li l-jedd għas-sehem riżervat jitnissel mal-ftuħ tas-suċċessjoni u huwa marbut sfiq ma' dik il-ġrajja fil-qafas taż-żmien li tkun seħħet;*

83. Jidher illi mhux kontestat illi l-beni tad-decujus kienu jikkonsistu fi tliet oqsma:

a. Proprjeta' immobbli konsistenti fir-residenza bin-numri stradali sbatax (17), dsatax (19) u wieħed u għoxrin (21) fi Triq il-Bumunqar, fl-akwati magħrufa ta' Saint Peter, limiti ta' Ħaż Żabbar, b'garaxx anness u parti integrali mill-istess fond;

b. Depożiti f'kontijiet bankarji;

c. Stocks;

*Proprjeta' Immobbli*

84. Dwar il-proprjeta' immobbli, din il-Qorti rat illi l-partijiet kienu oriġinarjament qablu illi l-proprjeta' kellha valur kumplessiv ta' €720,000[51], wara illi fid-dikjarazzjoni *causa mortis* kien ġie dikjarat (fuq stima tal-Perit Robert Ellul Sciberras) illi l-fond kellu valur ta' €730,000[52]. Eventwalment saret talba għall-ħatra ta' Perit Tekniku mir-rikorrenti, illi stima l-immobbli fil-valur ta' €861,000 fid-data tal-mewt ta' Giuseppe Cini (cioe Ġunju 2019)[53], u fil-valur ta' €800,000 f'April 2023[54]. Effettivament, il-fond inbiegħ għas-somma ta' €750,000 f'Ottubru 2024[55];

85. Fin-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tagħhom, ir-rikorrenti jsostnu illi din il-Qorti għandha timxi mal-valur smat mill-Perit Tekniku għall-epoka illi fiha ġie nieqes id-decujus, filwaqt illi l-konvenuta tinsisti illi gialadarba l-partijiet kienu fthiemu fuq il-valur ta' €720,000, huwa dan l-valur illi għandu jittieħed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti;

---

51 Vide verbal tas-seduta tat-28 ta' Settembru 2021, a fol 101 tal-proċess
52 Vide **Dok K** anness mar-rikors promotur, u **Dok C** anness mal-istess Dok K, a fol 104 *et seq* tal-proċess
53 Vide relazzjoni addizzjonali a fol 602 tal-proċess
54 Vide rapport tal-Perit Tekniku a fol 576 tal-proċess
55 Vide kuntratt a fol 792 *et seq* tal-proċess

86. Hekk kif ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Simone Galea et vs Avukat Ġenerali et***[56], qalet illi:

> *Għalkemm qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet ta' perit tekniku kontra l-konvinzjoni tagħha (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt dak "ma jfissirx pero' illi qorti dan tista' tagħmlu b'mod leġġer jew kapriċċjuż. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravament ipoġġu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni tal-aspett tekniku tal-materja taħt eżami" (***Grima vs Mamo et noe*** – Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998).*
>
> *"Jiġifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konklużjoni ta' tali relazzjoni ma kinitx ġusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero' kellha tkun waħda motivata minn ġudizzju ben informat, anke fejn meħtieġ mil-lat tekniku." (***Cauchi vs Mercieca*** – Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999; ***Saliba vs Farrugia*** – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 u ***Calleja noe vs Mifsud*** – Qorti tal-Appell – 19 ta' Novembru 2001).*
>
> *"Il-giudizio dell'arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma għandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakolta' lilha mogħtija ta' talba għan-nomina ta' periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment, ammenokke' ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-*

[56] Rik Nru 92/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla) Sede Kostituzzjonali, Onor Imħ Joseph Zammit McKeon, 30 ta' Ġunju 2020

*konklużjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha taċ-ċirkostanzi, irraġonevoli”* (***Bugeja et vs Muscat et*** *– Qorti tal-Appell – 23 ta’ Ġunju 1967)*

87. Jiġi osservat illi fil-każ odjern la saru mistoqsijiet in eskussjoni lill-Perit Tekniku, u lanqas saru talbiet għall-ħatra ta’ periti perizjuri;

88. Din il-Qorti tirrileva illi filwaqt illi huwa minnu illi l-valur mogħti mill-Perit Tekniku m’għandux jiġi faċilment skartat, lanqas jista’ jiġi skartat il-fatt illi l-valutazzjoni tal-Perit Ellul Sciberras għall-fini ta’ suċċessjoni sar fl-epoka illi fiha ġie nieqes id-decujus, b’dana għalhekk illi hemm possibilta’ ikbar illi hija waħda aktar reali. Inoltre, ir-rikorrenti jidher illi ma sabux oġġezzjoni illi l-fond jinbiegħ, fil-preżent, għas-somma ta’ €750,000, u filwaqt illi l-istimi mogħtija mill-Perit Tekniku jixhdu illi l-valur tal-proprjeta’ naqas mill-2019 sal-preżent (b’differenza ta’ €61,000), din il-Qorti ssibha diffiċli temmen illi r-rikorrenti kienu disposti jaċċettaw illi l-valur naqas b’€111,000 meta biegħu l-fond (cioe minn €861,000 fl-2019 kif stmat mill-Perit Tekniku għal €750,000 fl-2024). Din il-Qorti hija tal-opinjoni illi lir-rikorrenti ġiethom tajba meta l-Perit Tekniku stima l-proprjeta’ għall-valur ta’ €861,000 fl-2019, u ddeċidew illi jorbtu l-pretensjoni tagħhom ma’ dan il-valur sabiex is-sehem riservat spettanti lilhom ikun ikbar, u dan minkejja illi kienu preċedentement qablu illi l-fond kellu valur ta’ cirka €720,000;

89. Għaldaqstant, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-valur tal-proprjeta’ immobbli fl-epoka meta ġie nieqes id-decujus għandu jiġi kkonsidrat fis-somma ta’ **€730,000**, u cioe l-valur mogħti mill-Perit Ellul Sciberras ai fini ta’ suċċessjoni. Dan kemm stante illi jqarreb aktar lejn il-valur illi kienu qablu dwaru l-partijiet inizjalment, u anke stante illi jagħmel aktar sens meta wieħed jikkonsidra l-valur illi għalih inbiegħet il-proprjeta’ fl-2024. Jingħad ukoll illi l-mod ta’ kif wasal għall-istima tiegħu il-Perit Ellul Sciberras kien ferm aktar dettaljat mill-mod illi wasal għall-istima tiegħu il-Perit Tekniku, mod illi jirrendi l-valur finali aktar kredibbli, stante illi din il-Qorti setgħet tifhem aħjar kif il-Perit Ellul Sciberras wasal għall-valur finali;

90. Din il-Qorti rat illi mhux qiegħed jiġi kontestat illi d-decujus kellu biss nofs indiviż (1/2) tal-fond in kwestjoni, b'dana għalhekk illi l-valur illi għandu jiġi kkonsidrat għall-fini ta' komputazzjoni ta' sehem riservat huwa fis-somma ta' **€ 365,000**.

*Depożiti f'Kontijiet Bankarji*

91. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, ir-rikorrenti jgħidu illi dawn l-assi tad-decujus kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, b'dana illi huwa biss fuq nofs l-istess valuri illi jista' jinħadem is-sehem riżervat;

92. Ingħad fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Phyllis Fenech et vs George Cutajar et***[57]:

> *65. Fejn żbaljat l-Ewwel Qorti hu in kwantu fin-nuqqas ta' prova li l-ammont ta' €19,069.56 kienu flus parafernali ta' Giuseppe Cutajar, kellha tqishom bħala li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti u konsegwentement tikkunsidra biss nofshom għall-finijiet tal-komputazzjoni tal-massa ereditarja.*

Hekk ukoll fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Maria Dolores Farrugia vs Salvina sive Sylvia Grech et***[58]:

> *19. Fil-kuntest tal-aggravju l-ieħor tal-attriċi marbut mal-likwidazzjoni ta' sehem riservat, din il-Qorti taqbel illi darba l-attriċi hija intitolata għal dan is-sehem fuq il-wirt tal-missier biss, l-istess sehem irid jiġi kkalkulat fuq nofs il-valur tal-komunjoni tal-akkwisti allura eżistenti bejn il-konjuġi Sciberras.*

---

[57] Rik Nru 76/12/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 15 ta' Novembru 2023
[58] Rik Nru 642/21/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 15 ta' Novembru 2023

93. Quddiem din il-Qorti ma nġabet l-ebda prova illi l-flus illi kellu depożitati fil-kontijiet bankarji d-decujus kienu parafernali, b'dana għalhekk illi din il-Qorti tqis illi għandhom raġun ir-rikorrenti jsostnu illi l-istess depożiti kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u huwa biss fuq **nofshom** illi għandu jinħadem is-sehem riservat;

94. Mhux qiegħed jiġi kontestat illi d-decujus, fid-data tal-mewt tiegħu, kellu kont bankarju wieħed, ossia kont mal-Bank of Valletta plc bin-numru 400 234 855 81 illi fil-ħdax (11) ta' Ġunju 2019 kien fih depożiti fl-ammont kumplessiv ta' €2,235.68[59], b'dana għalhekk illi sehem id-decujus kien ta' **€1,117.84**;

95. Il-*withdrawals* illi qed jiġu kontestati mir-rikorrenti ser jiġu trattati aktar 'il quddiem.

*Stocks*

96. **Miriam Azzopardi**, in rappreżentanza tal-Malta Stock Exchange plc, xehdet illi d-defunt kellu *stocks* deskritti bħala 5% MGS 2021[60], illi, fid-data tal-mewt tiegħu, kellhom valur kumplessiv ta' €25,872.65[61]. Din il-Qorti tqis illi l-istess *stocks*, illi ġew akkwistati fl-2005, kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, b'dana għalhekk illi l-valur illi kien jappartjeni lid-defunt u li għandu jiġi kkonsidrat ai fini ta' komputazzjoni ta' sehem riservat huwa fis-somma ta' **€12,936.31**;

97. Għalkemm il-valur mhux qed jiġi kontestat mill-konvenuta, il-konvenuta ssostni illi gialadarba dawn l-i*stocks* tħallew b'legat lil Joseph Azzopardi, u Joseph Azzopardi mhuwiex parti mill-kawża, dawn l-investimenti m'għandhomx jiġu inklużi fil-massa ereditarja li messet lill-konvenuta;

[59] A fol 186 tal-proċess
[60] **Dok MA1** a fol 226 tal-proċess
[61] **Dok MA2** a fol 252 tal-proċess

98. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Carmelo Attard et vs Theodora sive Doris Curmi et***[62]:

> *Huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana illi l-legat remuneratorju mhuwiex ghajr stqarrija tad-dejn tat-testatur ghall-hlas tas-servigi li l-persuna gratifikata tkun irrendietlu. Gie diversi drabi ribadit il-principju li johrog mill-Artikolu 705 tal-Kodici Civili fis-sens illi "sabiex legat testamentarju jista' jitqies bħala rimuneratorju, dan irid jirriżulta biċ-ċar u espressament mit-testment u mhux minn provi barranin. Irid għalhekk jirriżulta mid-dispożizzjoni testamentarja li hemm l-element ta' korrispettività u mhux sempliciment ir-rieda li tiggratifika b'att ta' liberalità."*
>
> *Madanakollu, fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Frar 2016 fl-ismijiet* **Michael Vella pro et noe vs Salvu Vella** *inghad ukoll illi "lanqas ma huwa konklużiv il-fatt illi fit-testment jingħad illi l-legat huwa rimuneratorju; li kieku d-dikjarazzjoni tat-testatur kienet determinanti u konkluživa, kien ikun faċli wisq għat-testatur illi jevadi d-disposizzjonijiet dwar is-sehem riżervat bil-fatt biss li jgħid illi l-legat huwa rimuneratorju. Naturalment, id-dikjarazzjonjiet tat-testatur huma element ta' prova, forsi wkoll qawwija, iżda mhux dejjem u bilfors huma biżżejjed."*
>
> *F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet* **Vincenza Attard vs Michelina Agius** *deciza fil-31 ta' Ottubru 1952 fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fissret illi:*

[62] Rik Ġur 40/2016, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali), Maġ Dr B Sultana, 27 t'April 2021 (in ġudikat)

> *"Il-legat remuneratorju huwa hlas ta' dejn sakemm ma jirrizultax li t-testatur ma kellux raguni tajba biex ihalli dak il-legat u li dan ikun intiz minflok liberalita' u biex jelludi u jiddiffrawdaw d-drittijiet ta' l-eredi jew tat-terzi ghalhekk il-Qorti ghandha dejjem poter li tara jekk il-legat huwiex proporzjonat ghas-servigi prestati mil-legatarju."*

99. Fil-każ odjern, it-testatur ma ddikjarax espressament illi l-legat imħolli lil Joseph Azzopardi kien wieħed rimuneratorju, sabiex jagħmel tajjeb għal serviġi prestati minnu; madanakollu, din il-Qorti ma tistax tqis illi hija xi koinċidenza illi d-defunt Giuseppe Cini ħalla legat lil Joseph Azzopardi u nnomina lil Annette Azzopardi eredi, cioe semma fit-testment tiegħu lit-tnejn min-nies illi ħadu ħsiebu lejn l-aħħar ta' ħajtu. Mhux kontestat illi kienu l-konvenuta u żewġha illi ħadu ħsiebu wara illi ssepara *de facto* minn ma' martu, u l-konvenuta tgħid illi Giuseppe Cini *"Kien jgħidi jiena qalbi taf kif inhi għalxiex jiena mistrieħa qalbi, il-għaliex lilek ħa nippremjak wara mewti ta' kemm int u żewġek sibnik fit-tajjeb u fil-ħażin, fil-mard u fis-saħħa."*[63] Din il-Qorti għalhekk tqis illi d-decujus kellu raġuni tajba sabiex iħalli dak il-legat, b'dana illi **<u>l-legat għandu jitqies bħala wieħed rimuneratorju</u>** u għandu għalhekk jiġi mnaqqas mill-valur illi fuqu jiġi kalkolat is-sehem riservat.

*<u>Donazzjonijiet</u>*

100. Filwaqt illi ma ġiex espressament allegat illi l-konvenuta ngħatat xi donazzjonijiet mit-testatur, ir-rikorrenti jallegaw illi l-flus minn żewġ *withdrawals* sostanzjali mill-kont bankarju tad-*decujus* effettivament intużaw mill-konvenuta, u mhux mid-defunt. Il-*withdrawals* relattivi huma:

a. *Withdrawal* datat 10 t'Awwissu 2013 fis-somma ta' €17,900[64]; u
b. *Withdrawal* datat 5 ta' Lulju 2014 fis-somma ta' €9,635.50[65];

[63] A fol 706 tal-proċess
[64] A fol 209 tal-proċess
[65] A fol 211 tal-proċess

101. Ir-rikorrenti jsostnu illi huwa suspettuż kif dawn il-*withdrawals* saru fi żmien meta l-konvenuta kellha prokura a favur tagħha, u fl-10 t'Awwissu 2013 tħallas ukoll il-bilanċ rimanenti f'loan fuq isem il-konvenuta u żewġha, fl-ammont rimanenti ta' €2,129.67;

102. Din il-Qorti rat illi, fl-ewwel lok, dak illi qed isostnu r-rikorrenti ma ġie pruvat bl-ebda mod konkret, u huwa biss suspett. Din il-Qorti ma tistax b'kuxjenza trankwilla tiddeċiedi a bażi ta' sempliċi suspett, speċjalment meta rinfaċċjata b'allegazzjoni serja ta' din in-natura. In oltre, u mingħajr preġudizzju għal dan, il-Qorti rat illi anke li kieku, għall-grazzja tal-argument, il-loan tal-konvenuta tħallset mid-defunt, il-bilanċ rimanenti fuq il-*loan* ma kienx fl-ammonti li nġibdu mill-kont bankarju tad-defunt, iżda kien ferm iżgħar. Dan ifisser illi anke li kieku kellha din il-Qorti tqis illi r-rikorrenti għandhom raġun (punt illi din il-Qorti assolutament m'hix qiegħda tagħmel), xorta ma nġabet l-ebda prova illi l-flus l-oħra illi nġibdu minn dan il-kont marru għand il-konvenuta;

103. Din il-Qorti għalhekk hija tal-fehma illi **<u>l-*withdrawals* tal-10 t'Awwissu 2013 u tal-5 ta' Lulju 2014 m'għandhomx jiġu miżjuda mal-komputazzjoni tal-assi tad-defunt</u>**.

*<u>Dejn ieħor aggravanti l-Massa Ereditarja</u>*

- *<u>L-Ispejjeż tal-Funeral</u>*

104. Minkejja illi r-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha tgħid illi ħallset il-funeral u li l-irċevuti ġew esebiti in atti, din il-Qorti hija sprovvista minn irċevuti illi jindikaw is-somma mħallsa għal dan il-għan. Għaldaqstant din il-Qorti ssib ruħha fl-impossibilta' illi tillikwida somma sabiex tirrappreżenta l-ispejjeż hekk arrekati.

- *<u>Serviġi reżi mill-Konvenuta (il-Kontro-Talba</u>)*

105. Permezz tal-kontro-talba, ir-rikorrenti qed titlob ħlas ta' serviġi dovuti lilha għaż-żmien illi fih għamlet tieħu ħsieb liz-ziju tagħha;

106. Ir-rikorrenti rikonvenzjonati jeċċepixxu illi gialadarba l-konvenuta rikonvenzjonanta aċċettat il-wirt bħala eredi universali, hija m'għandhiex jedd tressaq din il-kontro-talba, għaliex seħħet konfużjoni bejn il-kwalita' tagħha ta' kreditriċi tad-defunt jew tal-wirt tiegħu, u debitriċi tad-defunt jew tal-wirt tiegħu;

107. Din il-Qorti tqis illi r-rikorrenti għandhom raġun f'dan ir-rigward. Ingħad fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Francesca Rapa et noe vs Mary Bajada***[66]:

> *Skond l-Artikolu 1145 tal-Kodici Civili, wiehed mill-modi kif jispiccaw l-obbligazzjonijiet hi "bil-konfuzjoni" cjoe' "meta l-kwalita' ta' kreditur u ta' debitur jinghaqdu fl-istess persuna, tigri ipso jure konfuzjoni illi toqtol id-dejn u l-kreditu." (Artikolu 1205). Dan ovvjament ghaliex ma jkunx jaghmel sens li kreditur ihallas lilu nnifsu, u ghalhekk il-pretenzjoni ta' suggett fil-konfront tieghu nnifsu hi essenzjalment inkompatibbli ma' l-ideja guridika ta' obbligazzjoni; "La confusione puo' verificarsi in seguito ad atti tra vivi (per es, nella cessione di un'azienda verso la quale il cessionario aveva delle partite di debito),* ***oppure nella successione ereditaria – ed e' il caso piu' frequente – per tutti i rapporti in cui l'erede fosse debitore o creditore del defunto. Se gli eredi sono piu' d'uno, il debitore coerede e' liberato soltanto fino alla concorrenza della sua quota ereditaria sul credito che era del defunto."***

[66] Ċit Nru 164/1995/1, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali), Maġ (illum Onor Imħ) A Ellul, 3 ta' Marzu 2009 (in ġudikat)

> *(Istituzioni di Diritto Civile, A. Trabucchi). Peress li skond l-Artikolu 849 tal-Kodici Civili l-accettazzjoni ta' wirt ghandha effett retroattiv, din il-konfuzjoni ssehh b'effett minn dak iz-zmien. Wiehed forsi jista' jistaqsi kemm f'kaz ta' accettazzjoni ta' wirt bil-beneficcju ta' inventarju l-krediti u d-drittijiet li ghandu l-werriet beneficjarju kontra d-decujus, jintemmu bil-konfuzjoni. Pero' f'dan il-kaz il-konvenuta ma ressqet l-ebda prova li accettat il-wirt ta' missierha bil-beneficcju ta' l-inventarju.*
>
> *Fic-cirkostanzi l-qorti hi tal-fehma li l-argument tal-atturi hu validu, in kwantu "....l'effetto estintivo della confusione e' fondato sul venir meno della struttura del rapporto obbligatorio, quale relazione intercorrente tra un debitore e un creditore; la struttura del rapporto obbligatorio viene meno a seguito di una vicenda successoria che riunisce le posizioni di debito e di credito." (Diritto Civile - l'obbligazione, Massimo Bianca). Gialadabra l-konvenuta hi l-unika werrieta ta' missierha u accettat il-wirt minghajr kundizzjoni, ifisser li bil-konfuzjoni spiccat kwalsiasi obbligazzjoni li seta' kellu missierha sabiex ihallasha ghall-ghajnuna li setghet tatu. Ghalhekk il-konvenuta m'hijiex gustifikata li tippretendi li ghandha dritt ghall-hlas ta' kumpens li jikkostitwixxi dejn tal-wirt li ghandu jitnaqqas mill-attiv ghall-ghanijiet ta' kalkolu ta' legittima.*

108. Fl-istess sentenza appena ċitata ssir ukoll referenza għal dak mgħallem minn **Pacifici Mazzoni** fil-***Codice Civile Italiano Commentato***, u cioe:

> *La riunione delle persone del defunto e dell'erede produce naturalmente la confusione dei diritti che in tale stato di cose non possono piu' esistere insieme…. Del pari, niuno potendo dovere a se medesimo, l'acquisto*

*della eredita' ha per effetto di estinguere per confusione I diritti di credito che il defunto verso l'erede, o questi verso il defunto aveva.*[67]

109. Għaldaqstant, fid-dawl tal-prinċipji legali suesposti, gialadarba l-konvenuta hija l-unika eredi tad-defunt, u aċċettat il-wirt, hija m'għad għandha l-ebda dritt titlob ħlas għal serviġi reżi, stante illi l-kwalita' ta' kreditur u debitur ingħaqdu fl-istess persuna, b'dana illi l-kokonfużjoni qatlet id-dejn u l-kreditu;

110. Inoltre, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, din il-Qorti lanqas hija konvinta illi huwa dovut lill-konvenuta xi kumpens ieħor għal serviġi minnha reżi. Dwar il-ħlas ta' serviġi ngħad minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Mary Briffa vs Consiglia Abdilla***[68]:

*Illi huwa stabilit li l-bażi ta' azzjoni għal servizzi jew għajnuna mogħtija lil xi persuna trieġi fuq żewġ sisien: jiġifieri, fuq il-kważi-kuntratt u fuq il-preżunzjoni li min jagħti servizz lil ħaddieħor jagħmel hekk bil-fehma li jitħallas ta' dak li jagħmel. Minbarra dan, ilu żmien twil aċċettat li l-ħlas ta' serviġi jista' jkun dovut mhux biss jure actionis, jiġifieri meta huwa miftiehem, imma wkoll officio judicis, jiġifieri meta miċ-ċirkostanzi jkun jidher sewwa li min ta dak is-servizz ried li jitħallas tiegħu jew kien imwiegħed ħlas għalih. Biex wieħed jasal biex jara jekk persuna kellhiex il-fehma jew l-istennija li titħallas, għandu jitqies il-waqt meta ngħataw tali servizzi, għaliex iċ-ċirkostanzi li jseħħu wara ma jservux biex joħolqu b'lura dritt ta' fehma li ma kinitx l-intenzjoni tal-partijiet li joħolqu;*

---

[67] Pacifici Mazzoni, E, *Codice Civile Italiano Commentato* (Trattato delle Successioni Parte Seconda, Vol V), § 99 p 166

[68] Ċit Nru 108/03, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J R Micallef, 11 t'April 2017 (in ġudikat)

*Illi l-allegazzjoni li ma kienx hemm ftehim mhijiex ta' xkiel għal sejbien ta' responsabbilta' għall-ħlas ta' serviġi. Għalhekk, wieħed irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha li fihom ikunu ngħataw is-servizzi biex minnhom wieħed jipprova jsib x'kienet tassew il-fehma kemm ta' min ta s-servizz u, wisq aktar, ta' min lilu jkunu ngħataw;*

*Illi, fuq kollox, il-fatt li jista' jkun hemm rabta ta' qrubija bejn min jagħti u min jirċievi s-servizzi, jista' u ġeneralment ifisser li tali servizzi saru bit-tama tal-ħlas jew kumpens xieraq. F'dan ir-rigward illum il-ġurnata huwa stabilit li kull serviġi, wkoll mogħtijin lill-qraba ta' dak li jkun, jitqiesu li jkunu ngħataw bit-tama ta' kumpens jew ħlas sakemm ma jintweriex bla ebda dubju li dak il-qadi ngħata bla ħsieb ta' kumpens jew ħlas;*

*Illi, allura, huwa naturali li jsegwi minn dan kollu li biex titwaqqa' l-preżunzjoni li serviġi ngħataw bi ħsieb ta' ħlas, jeħtieġ li min jallega li x-xogħol sar b'xejn irid iġib provi tajbin u konvinċenti biżżejjed biex iwaqqagħha;*

111. Il-konvenuta ddikjarat b'mod ċar in kontro-eżami:

*Annette Azzopardi [...] Jiena z-ziju jien għalih kont bintu z-ziju. Jiena għalih kont bintu u s-sodisfazzjon tiegħu z-ziju taf x'kien jgħidli? Kien jgħidli jiena qalbi taf kif inhi għalxiex jiena mistrieħa qalbi, il-għaliex lilek ħa nippremjak wara mewti ta' kemm int u żewġek sibnik fit-tajjeb u fil-ħażin, fil-mart u fis-saħħa.*

*Dr Christian Mifsud U premjak?*

*Annette Azzopardi* *Iva, premjani.*

*Dr Christian Mifsud* *Diġa premjak mela ta' dak li stajt għamilt miegħu.*

*Annette Azzopardi* *Premjani bil-wirt li ħalla.*

*Dr Christian Mifsud* *Jiġifieri għax ħalla l-wirt premjak diġa'?*

*Annette Azzopardi* *Iva, għalija premjani. Għalija mhux premjani?*[69]

112. Tkompli tispjega kif isegwi:

*Dr Christian Mifsud* *[...] Jiġifieri naqblu li dan li għamilt maz-ziju għamiltu għax kont tħobb liz-ziju?*

*Annette Azzopardi* *Mela le.*

*Dr Christian Mifsud* *Naqblu allura li qatt m'għamiltu għax pretendejt xi kumpens wara? Iva jew le?*

*Annette Azzopardi* *[...] jiena ma kontx ħa nitlob l-ebda kumpens, imma mbagħad biż-żmien okay x'ħin rajt din il-ħanżirata kollha okay li qegħdin jimxu miegħi u dan kollu għax ħadt ħsieb missierhom.*[70]

113. Mix-xhieda tal-konvenuta stess jirriżulta illi l-konvenuta kienet sodisfatta b'dak illi ġie mħolli lilha fit-testment, b'dana illi oriġinarjament ma kellha l-ebda intenzjoni illi titlob ħlas ta' serviġi. Din l-intenzjoni qamet meta r-rikorrenti bdew jivvantaw pretensjonijiet għas-sehem riservat spettanti

[69] A fol 706 tal-proċess
[70] A fol 730 tal-proċess

lilhom. Din il-Qorti għalhekk tqis illi anke li kieku, għall-grazzja tal-argument, it-talba tal-konvenuta ma kellhiex tfalli minħabba illi l-konvenuta hija l-unika eredi kif spjegat aktar 'il fuq, il-fatt innifsu illi t-testatur innomina lill-konvenuta eredi universali kien, fil-fehma tal-Qorti, suffiċjenti sabiex jagħmel tajjeb għal kwalsiasi serviġi illi l-konvenuta setgħet irrendiet. Dan sabiex ma jingħadx ukoll illi l-konvenuta stess tammetti illi dak li għamelt mad-defunt, hi m'għamlitux bil-ħsieb illi ser tiġi kumpensata, iżda għaliex ħasset illi hekk kien id-dover tagħha;

114. Għaldaqstant din il-Qorti tqis illi **mhumiex dovuti lill-konvenuta ħlas għal serviġi**;

115. F'dawk illi huma serviġi fir-rigward ta' Joseph Azzopardi, din il-Qorti ma tarax illi hemm għalfejn tittratta fit-tul. Huwa evidenti illi Joseph Azzopardi lanqas biss huwa parti mill-kawża, b'dana għalhekk illi ma tistax tifhem kif il-konvenuta rikonvenzjonanta qiegħda titlob ukoll ħlas ta' serviġi għan-nom tiegħu. Dan mingħajr preġudizzju għall-fatt illi, hekk kif ingħad aktar 'il fuq, Joseph Azzopardi diġa ġie *'premjat'* b'legati mħollija fit-testment stess. **Lanqas, għalhekk, m'huma dovuti ħlas ta' serviġi lil Joseph Azzopardi**.

*Konklużjoni*

116. In konklużjoni, għalhekk, din il-Qorti tikkalkula l-valu tal-assi tad-decujus kif isegwi:

| **Element** | **Valur** |
|---|---|
| Immobbli | € 365,000 |
| Depożiti f'Kontijiet Bankarji | € 1,117.84 |
| Stocks | € 12,936.31 |
| **Total** | **€ 379,054.15** |
| Legat Remuneratorju | € 12,936.31 |
| Spejjeż tal-Funeral | Nil |

| | |
|---|---|
| Serviġi Reżi | Nil |
| **Total** | **€ 366,117.84** |

117. Għaldaqstant is-sehem riservat spettanti lir-rikorrenti **Josephine Cini** huwa fis-somma ta' **€91,529.46**, filwaqt illi s-sehem riservat spettanti lir-rikorrenti **Mariella Galea u Josianne Scerri** huwa fis-somma ta' **€61,019.64** kull wieħed.

**Imgħax**

118. L-Artikolu 615(2) tal-Kap 16 jistabbilixxi illi:

> *(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:*
>
> *Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.*

119. Il-konvenuta, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, ssostni illi din il-Qorti għandha teżerċita d-diskrezzjoni tagħha, u dan tenut kont illi kienet hi li ħadet ħsieb lil zijuha u mhux ir-rikorrenti, illi r-rikorrenti tawlu l-kawża b'diversi seduti u allegazzjonijiet, u illi ssekwestraw flus il-konvenuta f'ammont esorbitanti;

120. Mill-banda l-oħra, ir-rikorrenti qed jitolbu l-ħlas t'imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-mewt tad-decujus, cioe mill-11 ta' Ġunju 2019;

121. Din il-Qorti rat illi l-konvenuta minn dejjem sostniet lili hi ma kkontestatx il-fatt illi huwa dovut lir-rikorrenti sehem mill-wirt ai termini tal-liġi, u infatti kien hemm żmien meta l-partijiet saħansitra ddikjaraw illi kienu qed jesploraw il-possibilta' ta' transazzjoni. Matul dan il-perjodu jidher illi kienu l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti illi kien hemm xi assi moħbija (illi effettivament irriżulta illi ma kellhom l-ebda bażi) illi wasslu sabiex ġiet intavolata din il-kawża;

122. Madanakollu, din il-Qorti rat ukoll illi l-konvenuta, *ex admissis*, stqarret illi hi bdiet twebbes rasha meta rat kemm kienu qed jitolbu r-rikorrenti, u bdiet tippretendi ħlas ta' seviġi; u l-Qorti tifhem illi din kienet ukoll waħda mir-raġunijiet illi kkontribwixxiet sabiex ġiet intavolata l-kawża odjerna;

123. Għaldaqstant, din il-Qorti hija tal-fehma illi hija għandha teżerċita d-diskrezzjoni tagħha, u takkorda imgħax bir-rata ta' **erbgħa fil-mija (4%)**. Dan l-imgħax għandu jibda jiddekorri mill-ħdax (11) ta' Ġunju 2019 ġialadarba l-kawża ġiet intavolata entro s-sentejn mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni.

**<u>Spejjeż Ġudizzjarji</u>**

124. Fl-ewwel lok, f'dawk illi huma l-ispejjeż relatati mal-ħatra tal-Perit Tekniku, din il-Qorti taqbel mal-konvenuta illi dawn huma spejjeż illi ġew arrekati bla bżonn. Il-valur tal-proprjeta' kien diġa' ġie maqbul, kellu l-konfort ta' valutazzjoni ta' Perit, u effettivament kien iqarreb ħafna għall-prezz illi kienu disposti jaċċettaw għall-proprjeta' fis-suq. Għaldaqstant, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-ispejjeż relatati mal-ħatra tal-Perit Tekniku għandhom jiġu sopportati interament mir-rikorrenti;

125. Fit-tieni lok, f'dawk illi huma l-ispejjeż tal-kontro-talba, gialadarba l-istess talbiet qed jiġu miċħuda, hija l-konvenuta rikonvenzjonanta illi għandha tbati l-ispejjeż kollha relatati mal-istess;

126. Finalment, f'dawk illi huma l-ispejjeż ġudizzjarji l-oħra, għar-raġunijiet ġia mogħtija fir-rigward tal-imgħax, din il-Qorti tqis illi r-rikorrenti għandhom ibatu nofs (1/2) l-ispejjeż ġudizzjarji rimanenti, filwaqt illi l-konvenuta għandha tbati n-nofs (1/2) l-ieħor.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tilqa</u>'** l-ewwel talba rikorrenti, u tiddikjara illi l-assi ereditarji tad-defunt Giuseppe magħruf bħala Joseph Cini kienu jikkonsistu fi (a) proprjeta' immobbli konsistenti fir-residenza bin-numri stradali sbatax (17), dsatax (19) u wieħed u għoxrin (21) fi Triq il-Bumunqar, fl-akwati magħrufa ta' Saint Peter, limiti ta' Ħaż Żabbar, b'garaxx anness u parti integrali mill-istess fond; (b) depożiti f'kont bankarju mal-Bank of Valletta plc bin-numru 400 234 855 81; u (c) *stocks* magħrufa bħala 5% MGS 2021;

(ii) **<u>Tilqa</u>'** t-tieni talba rikorrenti, u tiddikjara li r-rikorrenti għandhom dritt għas-sehem riservat spettanti lilhom skont il-liġi;

(iii) **<u>Tilqa</u>'** t-tielet talba rikorrenti u tillikwida s-sehem riservat spettanti lilhom kif indikat fis-sezzjoni *'Konklużjoni'* taħt il-kap ***Likwidazzjoni tas-Sehem Riservat illi huma entitolati għalih ir-Rikorrenti*** f'din is-sentenza;

(iv) **<u>Tilqa</u>'** r-raba' talba rikorrenti u tikkundanna lill-konvenuta tħallas l-ammont hekk likwidat, bl-imgħax fuq l-istess somma fil-modalita' indikata fis-sezzjoni ***Imgħax*** f'din is-sentenza;

(v) **Tiċħad** l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu mhux kompatibbli ma' din id-deċiżjoni;

(vi) **Tiċħad** it-talbiet tal-konvenuta rikonvenzjonanta għar-raġunijiet mogħtija f'din is-sentenza;

(vii) **Tilqa'** l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet ta' natura preliminari sollevati mir-rikorrenti rikonvenzjonati, u **tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjonijiet l-oħra minnhom sollevati;

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża jitħallsu nofs (1/2) mir-rikorrenti u nofs (1/2) mill-konvenuta, għajr għall-ispejjeż relatati mal-ħatra tal-Perit Tekniku illi għandhom jiġu sopportati unikament mir-rikorrenti; u

Bl-ispejjeż tal-kontro-talba a karigu tal-konvenuta.

Moqrija.

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**